MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1231/1992/2

**Ralph Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Investments Limited**

**vs**

**Mariella Buhagiar, Carolina Spiteri, Stepehen Borg u Fiona Mizzi**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet :-

Billi fiz-zmien li l-konvenuti kienu impjegati mal-attur nomine fil-fond kummercjali maghrufa bl-isem "Dolphin Supermarket", Paceville Avenue, Paceville, u partikolarment fis-snin u xhur qabel April, 1990, l-istess konvenuti b'rizoluzzjoni wahda ikkomettew diversi atti

kriminali ghad-dannu tas-socjeta' attrici, kif jigi dettaljatament spjegat u provat waqt it-trattazjoni tal-kawza;

Billi tali agir illegali u kriminali da parte tal-konvenuti ikkaguna danni ingenti a detriment tal-attur nomine, liema danni jikkonsistu specifikament fil-valur intrinsiku tal-oggetti mehuda illegalment mill-imsemmi "Dolphin Supermarket", di proprieta tas-socjeta' attrici, kif ukoll fit-telf ta' profitt li kien ikun hemm mill-bejgh ta' dawk l-oggetti misjubha nieqsa, kif jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Billi nonostante diversi talbiet da parte tal-attur nomine lill-konvenuti sabiex dawn jersqu ghall likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta' danni minnhom hekk kagunati lis-socjeta attrici, inkluza talba permezz ta' ittra ufficjali datata 9 t'Ottubru, 1991, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti previa okkorendo dikjarazzjoni li huma fil-fatt b'rizoluzzjoni wahda ikkomettew diversi atti kriminali konsistenti f'serq ta' diversi oggetti mill-fuq imsemmi fond kummercjali "Dolphin Supermarket", Paceville Avenue, Paceville, a dannu tas-socjeta' attrici, fiz-zmien li l-istess konvenuti kienu impjegati ma' tali socjeta', fil-fond kummercjali fuq imsemmi, ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:-

(1) tiddikjarahom responsabbli in solidum bejniethom ai termini tal-Artikoli 1049-1050 tal-Kodici Civili ghad-danni minnhom hekk kagionati lill-attur nomine, meta dolozament u b'risoluzzjoni wahdu huma serqu diversi oggetti mill-imsemmi fond kummercjali tas-socjeta' attrici, waqt li kienu impjegati mal-attur nomine.

(2) tillikwida l-istess danni hekk sofferti mill-attur nomine, konsistenti tali danni fil-valur intrinsiku ta' l-oggetti kollha misruqa kif premess, kif ukoll fit-telf ta' profitt li kien ikun hemm mill-bejgh tal-istess oggetti, okkorendo permezz ta' periti nominandi.

(3) finalment tikkundanna lill-konvenuti, in solidum bejniethom ai termini tal-artikoli 1049-1050 tal-Kodici Civili, ihallsu lill-attur nomine is-somma hekk likwidata in forza tat-tieni domanda ta' din ic-citazzjoni, bhala rapprezentanti l-ammont ta' danni kagionati mill-istess konvenuti lill-attur nomine kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datata 9 t'Ottubru, 1991, u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-attur nomine kontra il-konvenuti, ingunti personalment ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjrazzjoni tas-socjeta attrici debitament konmfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta Fiona Mizzi fejn gie eccepit :-

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt peress illi mhux minnu li l-konvenuta kienet dahlet fi rizoluzzjoni ma' ohrajn a dannu tal-attur u ghalhekk m'hijiex responsabbli in solidum ma' ohrajn ghad-dannu lilu kagunat;

Illi l-attur qieghed jipprova jimputa lil konvenuta dak id-dannu lilu kagunat minn terzi klijenti tal-attur stess illi kienu jisirquh ad insaputa kemm tieghu u kemm tal-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Fiona Mizzi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Stephen Borg fejn gie eccepit :-

(1) illi t-talbiet attrici kif formulati huma mankanti fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-eccipjenti in kwantu interalia l-eccpjenti ma kellu assolutament ebda assocjazzjoni mal-konvenuti l-ohra kif premess fic-citazzjoni;

(2) illi minnghajr pregudizzju ghall-premess jinkombi fuq l-attur nomine li igib il-provi tad-danni reali li qed jallega li sofra skond il-ligi;

(3) illi l-attur qed jimputa lill-konvenut danni li huwa sofra jew seta sofra minhabba agir ta terzi persuni;

Rat id-dikjrazzajoni tal-konvenut Stephen Borg debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha (diversament preseduta) tas-6 ta' Ottubru 1993 li bih gie nominat John Bonnici bhala perit komputista bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat id-digriet taghha (diversament preseduta) tal-21 ta' Mejju 1999 li bih gie nominat bhala perit legali l-Avukat Dottor Tonio Mallia;

Rat id-digriet taghha (diversament preseduta) tal-14 ta' Lulju 2000 li bih gie sostitwit il-perit legali u gie nominat minnfolk Dottor Mark Chetcuti bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Jannar 2003 minn fejn jirrizulta li s-socjeta attrici ddikjarat li waslet fi ftehim mal-konvenut Stephen Borg li hallas lill-istess socjeta attrici l-ammont miftiehem bejnithoim u li ghalhekk jonqos li l-konvenut Borg ihallas is-sehem proporzjonali tieghu mill-ispejjez gudizzjarji li ghad iridu jigu stabbliti permezz tat-taxxa;

Rat ir-rapport tal-esperti gudizzjarji debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tas-27 ta' Novembru 2003;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza un d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippremetti li l-konvenuti kienu impjegati taghha fid-"Dolphin Supermarket" Paceville. Is-socjeta attrici tkompli tippremetti li l-konvenuti ikkomettew diversi atti kriminali ghad-dannu tas-socjeta' attrici. Illi tali agir tal-konvenuti ikkaguna danni ingenti a detriment tas-socjeta attrici. Dawn id-danni jikkonsistu fil-valur intrinsiku tal-oggetti mehuda illegalment kif ukoll fit-telf ta' profitt mill-bejgh ta' dawn l-oggetti. Il-konvenuti naqsu li jersqu ghal likwidazzjoni ta' dawn id-danni. Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li jigi dikjarat li l-konvenuti kkomettew diversi atti kriminali konsistenti f'serq ta' diversi oggetti a dannu tas-socjeta' attrici. Is-socjeta attrici qed titlob ukoll li l-konvenuti jigu dikjarati responsabbli in solidum bejniethom ghad-danni minnhom kagionati lis-socjeta attrici meta dolozament u b'risoluzzjoni wahdu huma serqu diversi oggetti. Is-socjeta attrici qed titlob ukoll li jigu likwidati dawn id-danni u li l-konvenuti jigu kundannati insolidum bejnithom, ai termini tal-artikoli 1049-1050 tal-Kodici Civili, ihallsu lis-soceta attrici id-danni hekk likwidati;

Il-konvenuta Fiona Mizzi teccepixxi li mhux minnu li hi dahlet fi rizoluzzjoni ma' ohrajn a dannu tas-socjeta attrici u ghalhekk hi mhux responsabbli in solidum ma' ohrajn ghad-dannu kagunat. Teccepixxi ukoll li s-socjeta attrici qed tittanta timputa lil konvenuta dak id-dannu kagunat minn terzi klijenti tas-socjeta attrici;

Il-konvenut Stephen Borg jeccepixxi li huwa ma kellu ebda assocjazzjoni mal-konvenuti l-ohra. Jeccepixxi ukoll li jinkombi fuq is-socjeta attrici li ggib provi tad-danni reali. Finalment jeccepixxi li s-socjeta attrici qed tittanta timputa lilu danni sofferti minhabba agir ta terzi persuni;

Il-konvenut Mariella Buhagiar u Carolina Spiteri baqghu kontumaci. Huma naqsu li jippresentaw l-eccezzjonijiet taghhom fiz-zmien li trid il-ligi;

Il-Qorti esaminat bir-reqqa u minuzjosament ir-relazzjoni tal-abbli periti gudizzjarji. Il-periti kkonstataw li l-kawza kontra l-konvenut Stephen Borg giet transatta u jonqos biss il-kap tal-ispejjez. Ikkonkludew li t-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu u l-konvenuti kollha, hlief ghal Stephen Borg, ghandhom jigu kkundannati jhallsu in solidum bejniethom is-somma ta’ erbat elef u hames mitt liri maltin (Lm4500) bhala danni rekati lis-socjeta’ attrici;

Il-Qorti taqbel mal-kostazzjonijiet li ghamlu u mal-konkluzjonijiet li waslu ghalihom il-periti gudizzjarji. Il-Qorti qed taddotta dawn il-konkluzjonijiet u tghamillhom taghha. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel li dawn l-istess konkluzjonijiet jitbiddlu jew jigu varjati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeiedi billi fl-ewwel lok tiddikjara li l-procediment kontra l-konvenut Stephen Borg hu esawrit stante transazzjoni tal-mertu bejn il-partijiet koncernati u billi fit-tieni lok tiddikjara l-konvenuti Mariella Buhagiar, Carolina Spiteri u Fiona Mizzi responsabbli in solidum bejniethom ai termini tal-Artikoli 1049-1050 tal-Kodici Civili ghad-danni minnhom kagionati lis-socjeta attrici, meta dolozament u b’risoluzzjoni wahdu huma serqu diversi oggetti mill-fond kummercjali tas-socjeta’ attrici, waqt li kienu impjegati mal-istess socjeta attrici; tillikwida dawn id-danni fis-somma ta’ erbat elef u hames mitt liri maltin (Lm4500) u tikkundanna lill-istess konvenuti Mariella Buhagiar, Carolina Spiteri u Fiona Mizzi
in solidum bejniethom ai termini tal-artikoli 1049-1050 tal-Kodici Civili, ihallsu lis-socjeta attrici l-imsemmija somma

ta’ Lm4500 in linea ta’ danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez jithallsu mill-konvenuti kollha in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------